MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1835/2002

**Maltacom p.l.c.**
**vs**

**Anthony Azzopardi**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Lulju, 2002, fejn intalab il-hlas ta' seba' mija u tmienja u ghoxrin lira Maltija u sebgha u disghin centezmu (Lm728.97) dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21377415 (numru tal-klijent 247715) skond ma jirrizulta mill-anness document A, u liema servizz gie nstallat fil-fond maghruf bhala "Snooker Hall", Triq id-Dragonara, St. Julians STJ 05, skond ma jirrizulta mill-anness Dokument B;**
**Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;**

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mill-1 ta’ Jannar, 1995, u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata fit-12 ta’ Settembru, 2003, fejn intqal illi l-konvenut m’ghandux kontestazzjoni dwar l-ammonti dovuti bejn l-1 ta’ Jannar, 1995 u l-25 ta’ Settembru, 1998. Minn din id-data l’hemm l-ammonti pretizi m’humiex dovuti mill-konvenut;
Illi madankollu l-konvenut m’ghandu jbati ebda spejjez.

Semgha x-xhieda ta’ Anthony Azzopardi.

Ra n-nota prezentata fl-4 ta’ Novembru, 2003 li biha l-konvenut ammetta t-talba attrici kif dedotta fl-avviz.

Ghaldaqstant fuq ammissjoni t-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ seba’ mija u tmienja u ghoxrin lira Maltija u sebgha u disghin centezmu (Lm728.97) bl-imghax legali mill-1 ta’ Jannar, 1995.
L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------